# Lill-Għasfur

Kien għadu kemm bexbex
Fl-irħula u fl-ibliet,
X'ħin tar mimli ħajja
Ġie ħdejja fis-skiet.

U dlonk ħares lejja
Bħal donnu beżgħan,
Bħal donnu ried jgħidli
Xi kelma ħerqan.

It-tnejn tajna lemħa
Ħarisna f'xulxin,
Bla ħadd bexxaq fommu
Għal waqt dak il-ħin.

U domna ħin sewwa
B'dak fommna mitbuq,
Nixxierku fis-seħer
Li 'l-ġisem ituq.

'Ma fl-aħħar ilsienu
Erħielu u nħall,
U b'għana li jħannen
Infexx bla ma stall.

Ma' l-iġbla, l-isinda,
Ma' rdum, ġewwa l-wied,
Dik l-għanja li ssaħħar
Għal tul bosta dwiet.

'Ma qabel ma telaq
Tal-għana fawwar
Semmagħli x'jaf joħroġ
Minn fommu saħħar.

***Kan. Dun Nikol Vella Apap***
11.11.1973



# Nixtieq nibki

F'waqtiet qosra
nħossni nixxiegħa,
tferrà qabbieża
wara n-nixfa twila tas-sajf....
insejjaħ,
insellem,
insaħħar,
lill-marżepp,
lill-mazzarell,
liż-żrieragħ mistħijin.

'mma l-wens
dlonk jogħsfor,
xenqti ddub fix-xejn;
triqti tittajjen,
nitliġġem bil-ġebel,
fl-għollieq nitfixkel,
u x-xewk
jgħakkisni.

Imbagħad,
ngħaddi l-bqija ta' jiemi
nagħti b'rasi,
'l fuq u 'l isfel....

jiġrili bħall-buffu,
irrid nibki
u ma nistax.

***John Caruana***
In-Naxxar – 3 ta' Novembru, 1997